# L-Arċipriet Kan. Dun Martin Camilleri S.Th.D. Benefattur tal-Batut u tal-Fqir

## *F'Għeluq il-Mitt Sena tal-Ewwel Sena ta' Ħidma tal-Parrokat Tiegħu*

Dun Duminku Camilleri

Dun Martin Camilleri l-għaxar Kappillan tal-parroċċa tan-Nadur, u t-tieni Arċipriet tal-Kolleġġjata bħal dawn iż-żminijiet mitt sena ilu kien temm l-ewwel sena ta' ħidma tiegħu ta' Ragħaj Spiritwali. Hu kien ħa t-tmexxija tal-parroċċa wara dik ta' zijuh, l-ewwel Arċipriet il-Kan. Dun Ġwann Camilleri (1881-1910) fis-26 ta' Ġunju 1910. Dan l-Arċipriet ta' tant merti, f'din il-kitba illum sejrin naqraw ftit ħjiel dwar il-ħajja pastorali tiegħu li damet biss 11-il sena, mill-1910 sas-sena 1921.

### Tfulitu

Bin Anġlu u Tereża, imwielda Camilleri wkoll, Martin twieled fin-Nadur nhar is-27 ta' Awwissu 1873. Missieru kien jiġi ħu l-Arċipriet Dun Ġwann Camilleri, li dak iż-żmien kien Kappillan tal-Parroċċa tax-Xagħra. Missieru Anġlu kien armel ta' 58 sena, fejn mill-ewwel mara li kellu hu kien missier ta' sebat itfal. Wara l-mewt ta' martu, Anġlu kien reġa żżewweġ lil Tereża omm Martin, li meta Martin twieled hi kellha 37 sena. Minħabba l-biża' li kien sejjer imut, Martin kien ġie mgħammed hekk kif twieled fid-dar. Iżda aktar tard f'dak il-jum stess hu kien reġa ġie mgħammed taħt kondizzjoni mill-Kappillan Dun Ġwann Battista Grech (1855-1876), u ġie mogħti l-ismijiet ta' Karmenu, Albert u *Martin;* kien imsejjaħ bl-aħħar isem dak ta' Martin. Il-parrinijiet tiegħu kienu Pietru Mizzi mill-Qala u Grezja Camilleri mix-Xagħra.[1] Huwa kien iż-żgħir minn żewġ aħwa oħra.



*Martin Camilleri Seminarista. Ritratt meħud bejn is-snin 1890 – 93 meta f'dawn is-snin Martin kien Prefett tal-Kongregazzjoni Marjana tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù.*

Ta' ħames snin Martin libes ta' abbati għall-ewwel darba fix-Xagħra nhar il-festa tal-Vitorja tal-1878. Dan ġara peress li zijuh kien il-Kappillan ta' dik il-parroċċa.[2] F' età żgħira huwa qabad it-triq lejn is-saċerdozju. Martin irċieva s-suttana fl-etá żgħira kif kienet l-użanza dawk iż-żminijiet. Hu beda l-istudji saċerdotali tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù ta' Għawdex fit-30 ta' Novembru 1887, fl-eta' ta' 14-il sena u kien irċieva l-ewwel ordni minuri tat-Tonsura bit-titlu tal-Patrimonju, mill-Isqof Mons. Pietru Pace fil-Katidral. Martinu ġie magħżul għal perjodu ta' sentejn, bejn is-snin 1891-93, bħala Prefett tal-Kongregazzjoni Marjana li kien hemm fl-istess Seminarju.[3]

### Kanonku Teżorier

Martinu meta wasal biex jieħu l-ewwel ordni maġġuri, zijuh Dun Ġwann Camilleri, li issa kien laħaq kappillan u wara l-ewwel Arċipriet tan-Nadur, kien qiegħed jaħseb għat-twaqqif tal-Kolleġġjata li seħħet fid-19 ta' Settembru 1894. Għalhekk il-ġenituri tiegħu flimkien mal-Arċipriet ħasbulu għall-prebenda ta' Kanonku Teżorier.[4] Bħala Suddjaknu hu kien fost l-ewwel erbgħa li nhar id-19 ta' Mejju 1895 ħadu l-pussess ta' Kanonċi. Huwa kien l-ewwel Kanonku Teżorier li tiġi r-raba` dinjita tal-Kapitlu.[5] Wara li qala' d-dispensa minn Ruma, mingħand Papa Ljun XIII (1879-1903) fl-4 ta' Diċembru 1896,[6] fl-età ta' 23 sena, Martin rċieva l-ordinazzjoni ta' saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1896 ma' sitta oħra fil-Katidral tal-Assunta mill-idejn l-Isoqf Mons. Ġanmarija Camilleri O.S.A. (1889-1924).[7]

Iżda għall-Kan. Też. Dun Martin, l-Ewwel Quddiesa tiegħu ma tantx kienet solenni! Dan minħabba l-fatt li missieru Anġlu miet qabel, fil-20 ta' Novembru 1896 fl-età ta' 85 sena, xahar qabel ma Dun Martin ġie ordnat.[8] Huwa ma ħassux li kellu jagħmel quddiesa solenni meta ċċelebra nhar il-festa taċ-Ċirkonċiżjoni ta' Ġesù, li ħabtet nhar l-1 ta' Jannar 1897.[9]

Meta ħareġ mis-Seminarju Dun Martin ma waqafx mill-istudji tiegħu, għaliex fis-sena 1897 zijuh l-Arċipriet bagħtu Ruma biex ikompli jistudja fl-Università Gregorjana, minfejn kiseb id-dottorat

fit-teoloġija.[10] Dan il-pass kien meħtieġ peress li hekk kien stabbilit fil-bolla għal min ikollu l-ħidma pastorali ta' Arċipriet tan-Nadur. Għalkemm bogħod minn pajjiżu u l-parroċċa li tant kien iħobb, in-Nadur dejjem kien f'moħħu. Iż-żmien li għamel Ruma, kien żmien opportun għalih u li 'l quddiem kellu jagħmel użu ħafna minnu. F'Ruma b'xorta kbira, kellu jiltaqa' maż-żagħżugħ malti minn Ħaż-Żebbuġ, student bħalu, Franġisku Saverju Sciortino, li kellu jkun ta' għajnuna kbira għalih fil-ħolma tiegħu tat-tkabbir tal-knisja.[11]

### Mexxej u Ragħaj

Lura n-Nadur, fis-sena 1901 Dun Martin għen lil zijuh fit-tmexxija tal-parroċċa u narawh, fost l-oħrajn, prokuratur tal-Kolleġġjata u maħtur bħala t-tielet segretarju tal-kapitlu.[12] Fis-17 ta' April 1909 naraw li huwa kien resaq għal konkors (eżami) għal kappillan tal-parroċċa ta' Għajnsielem. Għalkemm kien jipprometti ħafna għaliex fuq kollox kellu l-kwalifiki kollha meħtieġa, iżda l-parruċċani Għajnselmiżi ma aċċettawx. Dan mhux għaliex ma kienx kapaċi u ħabrieki, iżda għal fatt li kienu jafu li kien ser ikun kappillan tagħhom għal ftit xhur biss. Kulħadd kien jaf li kien sejjer jilħaq Arċipriet tan-Nadur wara zijuh, kif fil-fatt hekk ġara ftit xhur wara.[13]

Meta zijuh ra li saħħtu bdiet tħallih, għamel supplika lill-Papa Piju X (1903-1914) biex neputih jiġi magħżul l-Koġitur tiegħu bid-dritt tas-suċċessjoni. Il-Papa msemmi laqa' din it-talba, u bl-ittri appostoliċi tal-5 t' Awwissu 1909 innomina lil Dun Martin bħala Koġitur ta' zijuh. Il-Ħadd, fis-7 ta' Novembru 1909, nhar il-festa ta' San Koronatu, Dun Martin kien ħa l-pussess ta' din il-kariga. L-paneġierku ta' din l-okkażjoni kif ukoll tal-festa ta' San Koronatu kien sar mill-Kanonku Onorarju l-ġdid, u benefattur tal-bini tal-Kolleġġjata, Dun Anton Agius li kien Kanonku tal-Kolleġġjata tal-Birgu.[14] Wara l-mewt ta' zijuh li ġrajt fil-30 ta' Mejju, Dun Martin ħa l-pussess bħala t-tieni Arċipriet tal-Kolleġġjata tan-Nadur fit-26 ta' Ġunju 1910, fl-età ta' 37 sena.[15] L-Arċipriet Kan. Dun Martin Camilleri, peress li kien illawrjat fit-teoloġija, kien ukoll wieħed mill-eżaminaturi tal-kleru fis-Seminarju.[16] Fis-sena 1919 huwa kien ġie maħtur mill-Isqof Mons. Ġanmarija Camilleri bħala Vigarju Foranju għal-lvant ta' Għawdex li kien jikkonsisti fin-Nadur, Għajnsielem, il-Qala u Kemmuna.[17]

Bla dubju ta' xejn, dan l-Arċipriet jibqa' jissemma għall-imħabba kbira li kellu lejn il-parroċċa u l-knisja tagħha. It-tkabbir u t-tiżjin bil-pittura, skultura, induratura u twieqi kkuluriti ta' dan it-Tempju Monumentali, bil-koppla maestuża tiegħu, huwa xhieda tal-imħabba, dehen u kuraġġ li huwa kien imżejjen bihom. Fil-proġett tiegħu, l-aqwa artisti ta' żmienu, Francesco S. Sciortino, Lazzru Pisani, Pio Cellini, Pawlu Bonnici u oħrjan, flimkien kienu ħadmu għalenija. Trid tkun preżenti f'dan it-Tempju biex temmen dak li qiegħed taqra dwaru. Dun Martin wettaq verament għeġubijiet kbar f'dawk iż-żminijiet ta' għaks li kien hawn fil-gżejjer



*Il-Kan. Martin Camilleri*
*Koġitur - Sena 1909*

tagħna. Biex wieħed jikteb fuq kull ħaġa li wettaq dan l-Arċipriet ta' qalb kbira jieħu fit-tul, għalkemm insibu li nkitbu diversi kotba fejn jissemmew ħidmietu. Għall-imħabba li kellu lejn l-Appostli San Pietru u San Pawl huwa kiteb *Novena* ta' talb u riflessjonijiet fejn iddedika kull ġurnata għal virtù partikulari ta' dawn l-Appostli .[18]

### Xogħol Pastorali

Iżda dan l-Arċipriet ma kienx jibqa' minqux fil-qalb ta' kull Naduri għaliex wettaq ħolmietu billi kabbar u jżejjen il-knisja parrokkjali, iżda għaliex fih il-parruċċani u dawk kollha li kienu jafuh, kienu jaraw sur ta' refuġju li kien dejjem lest biex jgħin u jgħallem 'il kulħadd mingħajr l-ebda distinzjoni. Għalhekk wara li rajna fuq fuq il-ħajja tiegħu, issa sejjer nikteb aktar fuq ix-xogħol pastorali kbir li huwa wettaq fi żmien hekk qasir f' parroċċa ta' aktar minn 3,600 ruħ.

Kull kappillan ikollu ntrojtu biżżejjed biex ikun jista' jgħix diċentement. Barra mill-elemożina tal-quddies u xi għotjiet oħra mill-parruċċani, ikollu l-prebenda parrokkjali. Insibu li meta kien jara li xi wħud kienu jgħixu fil-miżerja, l-Arċipriet Kan. Dun Martin Camilleri mhux talli kien joħdilhom dak li kien b'dritt tiegħu, iżda kien jagħtihom minn dak li jkollu ħalli jkunu jistgħu jgħixu diċentement.

Kien jara x' jivvinta biex jara l-parruċċani afdati f'idejh jgħixu bħan-nies. Dun Martin kien magħruf ukoll għad-disinji li kien iħobb jagħmel. Għalhekk kien waqqaf bħal speċi ta' skola tal-bizzilla fejn hu kien ħoloq kemm il-disinn peress li meta kien Ruma kien studja xi ftit il-pittura u d-disinn ukoll. Kienet xewqa tiegħu li kemm jista` ikun jara tfajliet u nisa jaħdmu l-bizzilla biex barra li jaqilgħu xi ħaġa tal-flus, b' hekk ikollhom x' jagħmlu u jevitaw l-għażż u t-tpaċpiċ żejjed. Mhux hekk biss, iżda meta kien jisma` b' xi riċetta kien iħobb jgħallemhielhom biex ma jsajrux dejjem l-istess.

L-Arċipriet Kan. Dun Martin Camilleri kien ukoll tħabat kemm felaħ mal-awtoritajiet ta' dawk iż-żminijiet, biex iwessgħu u jirranġaw xi treqat li kienu jagħmlu użu minnhom il-bdiewa u s-sajjieda, speċjalment dik ta' San Blas u ta' Daħlet Qorrot. Meta kien ikun hemm xi mard fil-prodotti tar-raba, il-bdiewa kienu jirrikorru għand l-Arċipriet Camilleri ħalli dan jara kif ser jaqbeż għalihom. F' waħda mill-ittri tiegħu nsibu dan li ġej: *"L-Arċipriet tal-post, għall-fatt li hu Arċipriet, hu fid-dmir li, sakemm ikun possibbli għalih, jaħseb, mhux biss għal dak li hu spiritwali imma wkoll għal dak li hu temporali fejn jintlaqtu dawk tal-parroċċa tiegħu."* Għal xi żmien nafu kif Dun Martin kien inkwetat għaliex, waqt li l-bdiewa tan-Nadur kienu qed jagħmlu imbid ġenwin, ħafna oħrajn f' Għawdex kienu qed ibiegħu imbid artifiċjali. Għalhekk biex il-ħsara lill-industrija lokali ma tikbrix, huwa kien ippropona li jitwaqqaf "Ċirklu Lokali tal-Bdiewa". L-Arċipriet Kan. Dun Martin Camilleri insibuh ukoll bħala ħabib personali tal-Gvernatur Lord Sir Herbert Plumer fejn b' wiċċu minn quddiem kien jitolbu għajnuna għal dawk li kienu fil-bżonn. It-tieni darba li l-Gvernatur kien żar lil Għawdex, l-Arċipriet ħa ħsieb biex idawru fil-kampanja tan-Nadur ħalli jara b' għajnejh stess bil-ħsara li l-marda tal-filossera kienet qegħda tagħmel lid-dwieli. Qabel ma' telaq lejn Malta, il-Gvernatur wiegħed li kien ser jagħmel dak kollu possibli biex jgħin il-bdiewa Għawdxin.

Kulħadd jaf b' kemm tbatija u ġuħ ġabet magħha l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918). Għalkemm Malta ma ntlaqtitx direttament, iżda l-ġuħ u l-mard wasal ukoll fil-gżiritna. Għalhekk, l-Arċipriet Camilleri ra kif għamel biex fl-Iskola Primarja tal-Gvern tas-subien li kienet tinsab fid-dar il-kbira li tiġi quddiem il-każin tal-Banda Mnarja fit-Triq il-Kbira (illum Triq Diċembru 13), bil-koperazzjoni tal-awtoritajiet waqqaf l-ewwel kċina popolari ekonomika. Kienet bl-inizjattiva tiegħu li twaqqfet f' Għawdex. Bis-saħħa ta' din il-kċina, il-foqra setgħu jakkwistaw platt minestra għal kull persuna bil-ħlas ta' żewġ soldi (ekwivalenti ta' żewġ ċenteżmi ta' euro).

Jekk il-problema tal-qgħad kienet minn dejjem ta' uġigħ ta' ras għall-awtoritajiet ta' kull żmien, kienet ikbar f' dawk iż-żminijiet ta' għaks u njoranza. Hawn ukoll l-Arċipriet Camilleri narawh jieħu l-inizjattiva biex jipprova jsolvi xi ftit din il-problema fost iż-żgħażagħ u rġiel tal-familja. Qabel in-Nadurin kienu jemigraw lejn Tunes u Franza, iżda biż-żmien infetħet ukoll l-art imbegħeda, l-Awstralja. Huwa kien jibqa` juri nteress fl-emigranti anke minn dak 'l bogħod kollu. Dan barra li kien jaqra l-ittri tal-familji kien ukoll iwieġeb għalihom peress li ħafna mill-familjari kienu lletterati.

Meta spiċċat il-gwerra, huwa ħeġġeġ lill-Gvernatur biex jgħin persuni Għawdxin biex jemigraw lejn Franza ħalli jaħdmu hemm billi jerġgħu jinbnew mill-ġdid dawk il-postijiet li kienu tfarrku fil-gwerra. Peress li l-Arċipriet kien għamel xi snin barra minn pajjiżu, hu kien jaf bil-perikli li kienu ser jiltagħu magħhom l-emigranti 'l bogħod mill-ambjent nisrani tagħhom. Għalhekk baqa' jaħseb fihom bħala wliedu, u għamel kulma kien possibli biex, flimkien ma' dawk l-għajnuniet temporali li kien tahom, jagħtihom ukoll l-għajnuniet spiritwali. Inħallu lilu stess jirrakkonta mill-ittra li kiteb lill-Isoqf Camilleri fis-sena 1916:

*"Fost dawk li huma neqsin min-Nadur, għax qegħdin jaħdmu ta' baħrin fuq il-vapuri jew bħala ħaddiema f' Marsilja, hemm ħafna li ma tqarbnux lanqas fi żmien l-Għid. Kien impossibbli għalihom li jersqu għall-qrar għaliex ma jafux l-ilsien tal-post li qegħdin fih. Imma huma jagħmlu ħilithom biex jaqdu dmirhom, hekk kif jerġgħu lura. Ħafna minn dawk li qed isiefru bħalissa*



*Arċipriet Kan. Martin Camilleri S.Th.D.*
*1910 – 1921*

*ma jibqgħux imbiegħda għal żmien twil. Lil dawk, imbagħad, li 'lhom ħafna mbiegħda, jiena ppruvajt ngħinhom bl-aħjar mod possibbli. Jiena niktbilhom ħalli nurihom kif għandhom iġibu ruħhom biex ikunu jistgħu jersqu għas-sagramenti, u jaqdu dmirijiethom ta' nsara."* Insibu li lejn Awwissu tal-1920 kienu diġa` bdew jemigraw lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fejn dan il-pajjiż għadu popolari mal-emigranti Nadurin sal-lum.

Nafu li fl-ewwel Gwerra Dinjija kienu mietu nies aktar permezz tal-ġuħ u l-mard milli bil-bombi. Effett ta' dan kollu, mal-Ewropa kollha kienet xterdet l-influwenza qerrieda msejħa l-Ispanjola. In-Nadur ma kienx eċċezzjoni. Vittmi kien hemm ukoll. Wieħed minnhom kien is-saċerdot Dun Ġużepp Gatt li miet fis-6 ta' Ġunju 1919 fl-etá 34 sena, ftit xhur wara li kien assista lil oħtu M'Assunta ta' 18-il sena. Issa ġara li anke l-Arċipriet Camilleri kien marad b'din il-marda. Dan ġara minħabba li hu kien jassisti lil dan is-saċerdot. L-Arċipriet Camilleri tista' tgħid li kien wasal fl-aħħar għaliex fis-26 ta' April 1919 hu kien irċieva l-aħħar sagramenti. L-poplu Naduri kien inġabar quddiem Ġesu` Sagramentat jitlob għalih, iżda l-providenza riedet kif ħalla miktub huwa stess li kien miraklu li hu fieq. L-Arċipriet Camilleri kellu jgħix għal tliet snin oħra, jaħdem kemm jiflaħ għal parroċċa u biex ikompli jsebbeħ il-Knisja Kolleġġjata li hu tant kien iħobb.

Wara mewtu, l-Arċipriet ta' warajh, Dun Anton Camilleri, f' wieħed mir-reġistri tal-parroċċa kiteb eloġju twil dwaru fejn fost l-oħrajn insibu dan li ġej: *"Bħala Arċipriet ta' din il-parroċċa, hu kien ragħaj li wieħed ma jistax jistenna iżjed mingħandu. Ulied in-Nadur kollha nġibdu lejh. Fih huma kienu jammiraw il-merti kbar tiegħu. Hu ta' xhieda straordinarja tal-imħabba tiegħu lejn Alla u tat-tjubija tiegħu lejn il-proxxmu. Hu kien imħeġġeġ bin-nar tal-imħabba lejn l-erwieħ. Lil uliedu, ried igħinhom f' kull bżonn. Hu għamel dan kollu sabiex lill-merħla fdata f' idejh iżommha soda fil-fidi u f' ħajja tassew nisranija".*[19]

L-Arċipriet Kan. Dun Martin huwa ċertament marbut u mfakkar aktar minn oħrajn fil-qlub tan-Nadurin. Dan għaliex kif rajna kien Ragħaj Spiritwali li verament kien iddedikat il-ħin kollu għal parroċċa tiegħu. Huwa kien dejjem idur, jinvestiga u jara x' hemm bżonn isir biex jeduka, jgħallem u jġib 'il quddiem il-parruċċani tiegħu. Kien jieħu nterss f' kollox u f' kulħadd. Kien jixtieq kollox mill-aħjar possibbli. Qatt ma ħarab ix-xogħol, pjuttost kien joħolqu. Dejjem kien ikollu x' jagħmel u lil min jaqdi. Kien bniedem ta' qalb kbira u ma kellu xejn tiegħu. Il-pjaċir tiegħu kien dak li jgħin lil proxxmu u t-taħdita li togħġbu l-iktar kienet dik fuq il-knisja u l-opri tagħha. Biex jgħin u jaqdi lil min kien jitolbu xi pjaċir la kellu bi nhar u lanqas bil-lejl. Alla ħabbu għax kien tajjeb, għax ħabb il-fqir u ħadem għat-tixrid tas-saltna tiegħu fuq l-art.

Referenzi;


1 APN, *Bapt.*, VII, f. 360, n. 2207.
2 *Notamenti Portelli*, f. 3.
3 ASEG, *Kongregazzjoni Marjana.*
4 ANG, 52/1894: *Atti O.G. Refalo,* 12/7/1894, ff. 882-947.
5 AKN, *Atti Kap.*, Cenni Collegiata ff. 3-10; Għal aktar informazzjoni dwar il-pussess, *Il-Kolleġġjata Insinji tan-Nadur 100 Sena ta' Storja*, VIGIALT 7, PP.174-8.
6 AEG, *File Dun Martin Camilleri*, n. 323.
7 AEG, *R.O.*, I, 1863-1905.
8 Għal aktar tagħrif, ara l-Profil tal-Benefattur Anġlu Camilleri.
9 Minn santi bla sena fuqhom, wieħed jikkonkludi li d-data kienet fl-Ewwel tas-Sena 1897, minħabba li l-festa taċ-Ċirkonċiżjoni kienet taħbat dak il-jum. Bonnici A., *In-Nadur*, v. II, p. 179, jikteb 1896, li kif wieħed jinduna hemm żball tal-istampa. Jekk ordna f'Diċembru 1896, mela għamel l-Ewwel Quddiesa tiegħu f'Jannar 1897. Fid-*Devot ta' Maria*, Jannar 1897, p. 28, insibu: *ir-Rev. Kan. tal-Katidral Dun Anġ Azzopardi, u r-Rev. Kan. Też. Dun Martin Camilleri ma għamlux quddiesa solenni għaliex it-tnejn kienu vistużi minħabba l-mewt ta' missierhom.*
10 APN, *Mort.*, V, f. 67, n. 228.
11 AKN, *Tagħrif F.S. Sciortino*, f. 1.
12 AKN, tagħrif meħud mill-korrispondenza tal-Kapitlu.
13 Zerafa Ġ., Ġrajjet il-parroċċa ta' Għajnsielem, p. 23.
14 *Devot ta' Maria*, Settembru 1909, p. 144; Diċembru 1909, p. 109; *Il-Messaggiere di Maria*, Settembru 1909, p. 143; Diċembru 1909, p. 188.
15 Il-Kan. Dun Karm Caruana fil-ktieb tiegħu storiku *In-Nadur u t-Tempju tiegħu Monumentali*, p. 146, insibu d-data ta' 12 ta' Ġunju 1910. Wieħed għandu jintona li dan l-iżbal fid-data huwa dovut li meta kiteb dan il-ktieb kienu għaddew fuq 40 sena. Għalhekk għalkemm ma sab imkien id-data eżatta, huwa kkalkula ħmistax-il ġurnata qabel. Kull min kiteb fuq l-Arċipriet Camilleri, ikkowta lil Kan. Caruana u niżżel din id-data. *Nadur 1968 Programm Souvenir*, p. 18; Bonnici A., *o.c.*, II, p. 187; Camilleri Dom., *100 Sena Arċipretali*, VIGILAT 5, p.39; *Il-Kolleġġjata Insinji tan-Nadur, 100 Sena ta' Storja*, VIGILAT 7, p.72. L-Arċipriet li tant kien iħobb iniżżel noti fil-reġistri tal-porroċċa, rigward iż-żewġ pussessi tiegħu fin-Nadur ma niżżel xejn. Din id-data sibta miktuba fi kwadru li l-werrieta tiegħu dan l-aħħar irregalaw lill-Kolleġġjata tan-Nadur. Illum dan il-kwadru huwa miżmun b'tant għożża fil-mużew tal-knisja. Fil-kwadru wieħed għandu jara ħames medalji flimkien ma ftit weraq taż-żebbuġ u palm li kienu mżejnin bihom il-ħbula tal-pussessi tiegħu ta' Koġitur u ta' Arċipriet tal-Kolleġġjata tan-Nadur. Wieħed għadu jinnota li maġenb il-weraq hemm miktuba b'idejh stess, id-dati taż-żewġ pussessi: "Dalla Corda dal possesso di Coadiatore - 7 Nov. 1909", u "**Dalla Corda dal possesso di Arciprete - 26 Giugio 1910"**.Aktar tagħmel sens il-ġurnata tas-26, għaliex kienet fit-tieni jum tat-tridu meta l-knisja kienet tinsab armata għal festa tal-Imnarja.
16 Caruana K., *In-Nadur u t-Tempju tiegħu Monumentali*, p. 146.
17 APN, *Mort.*, IV, f. 29.
18 Dan il-libret jinsab fil-kollezzjoni privata tiegħi.
19 APN. Mort., V, f.67.